KUNSILL LOKALI | KALKARA | LOCAL COUNCIL

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Kalkara

## Is-8 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 13/2020

16 ta' Diċembru 2020

Il-Kunsilli Lokali Kalkara ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 1/ 2, Binja tas-Salvatur, Triq Luigi Pisani, Kalkara, fl-4:00 ta' filghaxija.

### PREŻENTI:

Wayne Aquilina - Sindku
Vincent Bongailas - Viċi-Sindku
Maria Sultana - Kunsilliera
Speranza Chricop - Kunsilliera
Christopher Bruno - Kunsillier

Membri tal- Pubbliku: (0)

### ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Ma kienx hemm

### ASSENTI:

### UFFIĊJAL PREŻENTI:

Elaine Caruana - Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sur Wayne Aquilina, Sindku, ippresjeda l-laqgħa

**13.1 Qari ta' ittri ta' apoloġija**

13.1.1 Ma kinx hemm

**13.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni ta' minuti**

13.2.1 Il-minuti ta' seduta numru 12 kienu tqassmu lill-Kunsilliera qabel is-seduta u għal daqstant ġew meqjusa bħala moqrija

13.2.2 Wara kunsiderazzjoni, fuq mozzjoni tas-Sur Wayne Aquilina ssekondata mis-Sinjura Speranza Chircop il-minuti ġew approvati unanimament

**13.3 Komunikazzjonijiet mis-Sindku**

13.3.A 1 Is-Sindku informa l-Kunsill illi fis-26 ta' Novembru nstema l-appell li l-kunsill għamel mat-tribunal tal-Awtorita' tal-Ippjanar fir-rigward tal-proġett qrib il-'curt ruts' li hemm Triq Patri Mattew Sultana. Il-permess inħareġ xorta minn naħa ta' din l-awtorita' għall-iżvilupp. Fuq pariri legali, il-kunsill ser iżomm kuntatt kontinwu mas-Sopraintendenza tal-Heritage Malta u min hu responsabbli biex isir moniteraġġ kif suppost fuq iż-żona biex l-iżvilup isir skond il-liġijiet kif suppost.

A2 Is-Sur Sindku nforma l-kunsill illi daħħlet oġġezzjoni formali minn naħa tal-kunsill fuq l-iżvilupp li ser isir fiż-żona ta' Santa Filumena minħabba n-natura tat-triq speċjalment parkeġġ u n-natura ta' triq kif inhi. Il-permess inħareġ xorta waħda minn naħa tal-awtorita' tal-ippjanar. Is-Sindku żied jgħid illi żvilupp għal dan ħa jġib sfidi ġodda lejn il-lokal għalhekk il-kunsill irid jaħseb għal proġetti biex itejbu l-ambjent u ż-żona lir-residenti qiegħedin jgħixu fih speċjalment nuqqas ta' parkeġġi f'żoni prominenti.

B Is-Sindku nforma l-kunsill rigward l-istudju li ser ikun qed issir minn persuni tekniċi fir-rigward tal-proġett bl-isem 'slow streets'. Dan l-istudju ħa jkun qed jiġi ppreżentat il-kunsill formalment fil-ġranet li ġejjin biex b'hekk bħala kunsill ikun jista' jara possibiltajiet differenti biex dan il-proġett jiġi mplemetat. Is-Sur Aquilina saħaq illi deċiżjonijiet bħal dawn m'humiex popolari għaliex mhux kulħadd ser jaqbel mad-deċiżjoni finali tal-kunsill u hija ovja illi ma tistax taġevola l-kulħadd pero' huwa qal illi proġetti bħal dawn maż-żmien iħallu frott pożittiv fuq il-lokal speċjalment fejn ikollok pjazzez, postijiet pubbliċi fejn jistgħu jiġu utilizzati aħjar minn nies inġenerali bħala spazji pubbliċi.

C Is-Sindku informa l-kunsill dwar allokazzjoni li ser issir konġunta mal-ibliet tal-Kottonera li ħa tinkludi l-Kalkara biex nidħlu fiċ-ċans illi nġibu titlu ta' belt kulturali 2031. Din hija inizjattiva ta' livell nazzjonali / ewropea.

Fl-istess waqt is-Sindku semma titlu ieħor li ġġib l-isem ta' belt kulturali maltija għas-sena 2022. Min jieħu dan it-titlu ser jingħata fondi ta' €200,000 biex ikunu jistgħu jiġu investiti għal benefiċċju tal-lokal li finalment jieħu dan it-titlu.

Is-Sindku żied jgħid illi biss biss biex tagħmel studju tekniku qabel ma' wieħed jiddeċiedi japplika għal dan it-titlu jfisser ħafna flus. Huwa qal li fuq dan it-titlu għandu riservi tiegħu fuq din il-kwistjoni mhux għax m'għandux fiduċja fil-lokal tal-Kalkara imma fil-preżent hemm affarijiet iktar ta' importanza għal istess lokal milli jintefqu flus kbar biex inti jkollok ftit ċans li tirbaħ. Huwa jaħseb ukoll illi fil-fehma tiegħu hemm lokalitajiet ferm ikbar b'ċans ħafna akbar li jieħdu dan it-titlu li għandhom element ta' kultura ikbar minn dak tal-Kalkara.

Il-kunsill qabel unanimament illi fil-preżent hemm sitwazzjonijiet lokali ferm aktar important li jiġu solvuti u mhux lwok li l-kunsill jonfoq il-flus f'xi ħaġa li ma għandekx garanzija fuqha .

D Is-Sur Sindku informa u saħaq illi l-format tal-laqgħa mis-sena 2021 trid tinbidel il-għaliex huwa jħoss illi ċertu punti li qed ikunu fuq l-agenda jistgħu jiġu indirizzati mill-istaff amministrattiv tagħna matul ix-xahar għaliex hekk jagħmel sens.

Is-Sindku informa l-kunsill u spjega illi mis-seduta li jmiss dak il-kunsillier li jkun irid jiddiskuti xi ħaġa, din għandha ssir b'mozzjoni skond il-liġi filwaqt li punti oħra minuri m'għandomx jiġu mniżżla fuq l-aġenda ħabba raġunijiet ovvji u li spjega aktar kmieni matul dan il-punt.

Huwa għamel enfażi illi din mhux kwistjoni li ma jridx il-kunsilliera jitkellmu waqt il-laqgħa imma hija kwistjoni li l-laqgħa għandu tkun aktar strutturata u formali kif inhu suppost. Is-Sindku wiegħed illi sadanittant ser ikun qiegħed jaħdem fuq sistema ta' lmenti biex wieħed ikollu rendikont ta' dak kollu li jkun qed jiġri matul ix-xahar fl-ufficini amminitrattivi biex meta xi kunsillier ikollu bżonn xi risposta fuq xi lment li jkun daħħal hu jkollu informazjoni korretta .

E Ma kien hemm xejn.

F1 Is-Sindku nforma l-kunsill dwar inizzjattiva konġunta mar-Reġjun Xlokk fejn wieħed ikun jista' jibbenifika minn servizz ta' tranġar fuq laptops personali dan wara li l-kunsill ikun irid iħallas ammont ta' flus speċifici biex ir-residenti jkunu jistgħu jużaw dan is-servizz la darba jkollhom bżonn xi maintenance fil-laptops tagħhom. Din il-proposta kienet ġa ġiet diskussa fil-passat imma reggħet telgħet fuq l-aġenda wara ftehim li se issir għal-lokalitajiet tal-Kottonera

Il-kunsill ma approvax din l-inizjattiva wara diskussjoni kostruttiva bejn il-kunsilliera stess.

F2 Il-kunsill approva unanimament illi s-Sur Duncan Hall ikun is-segretarju deputat tal-Kunsill Lokali Kalkara fl-eventwalita' li s-Seg Eżek preżenti tkun indisposta minn ħabba raġuni jew oħra dan wara li ġie ssuġerit mis-Seg Eżek stess is-Sinjorina Elaine Caruana.

F3 Is-Sur Sindku nforma l-kunsill illi ser tkun qed tintbgħat email formali lill-awtorita' tat-traspost fuq suġġeriment li kienet għaddiet is-Sinjura Sultana f'seduta preċedent rigward iz-zebra crossings li hemm fi Triq is-Sienja u anke f'dik ta' Triq il-Luqqata biex jiġu rialokati, la darba titlesta l-bini mill-ġdid ta' triq is-Sienja li qed issir bħalissa minn Infrastructure Malta. Is-Sindku qal illi fil-fehma tal-kunsill dawn m'humiex qiegħedin f'postijiet ideali u jrid ikun xi ħadd tekniku li jissuġġerixxi r- rialokazzjoni tagħhom biex b'hekk ikun hemm aktar sens ta' saħħa u sigurta' speċjalment fejn f'din iż-żona hemm l-iskola primarja tal-Kalkara.

F4 Is-Sindku nforma l-kunsill illi l-kunsill ġab kwotazzjonijiet kif suppost u stipulati mil-liġi biex b'hekk ikollna cleaner li tnaddaf l-uffiċini amministrattivi tal-kunsill. Skond il-kwotazzjonijiet intgħażlet l-irħas illi bdiet fil-ġranet li għaddew. Huwa qal li s'issa l-feedback li għandu mingħand l-istaff huwa wieħed tajjeb ħafna fuq din il-persuna li ġiet ingaġġata minn naħa tal-kunsill abbażi ta' siegħat hekk kif ikun hemm bżonn.

13.4 ( 12.3.b) Mill-minuti preċedenti Is-Sindku rringrazzja lill-kulħadd tal-parteċipazzjoni tiegħu waqt Jum il-Kalkara 2020. Huwa żied jgħid illi ħabba n-natura u ċ-ċirkostanzi tal-preżent din l-attivita' kellha tiġi ridotta ħabba raġunjiet ovvji imma jinsab ferm kuntent kif fid-data kollox mar tajjeb kif ukoll jinsab grat lejn kull min ħadem biex din isseħħ bla problemi ta' xejn.

13.4 ( 12.3.c) Mill-minuti preċedenti Is-Sindku nforma l-kunsill illi x-xogħolijiet ta' asphalt fi Triq iċ-Ċumnija ġew iffinalizzati kif ukoll fadal biċċa żgħira ħafna minn Triq Missjoni Taljana illi skond il-kuntrattur ser tkun lesta fil-ġranet li ġejjin biex b'hekk finalment jerġgħu jinżebħu l-linji skond il-liġi.

13.4 ( 12.3.f5) Mill-minuti preċedenti Is-Sindku qal illi ma kien hemm rispons ta' ħadd għal laqgħa pubblika li saret aktar kmieni f'Diċembru 2020 pero' jħoss illi għas-sena 2021 wieħed għandu jaħseb aktar loġistikament x'jista' jsir aħjar biex ikun hemm aktar interess mill-pubbliku inġenerali bħal per eżempju tixxandar live fuq is-siti online li jaqgħu taħt il-Kunsill Lokali Kalkara biex b'hekk tkun tista' tintlaħaq aktar minn individwi.

13.4 ( 12.5.a4) Mill-minuti preċedenti Is-Sindku nforma l-kunsill illi fil-ġranet li ġejjin bil-għajnuna tal-Viċi Sindku s-Sur Vince Bongailas ser tkun qed tinħadem loġistika għal dawk in-nies li jagħtu jieklu l-qtates ta' barra biex dawn jingħatawlom kemm vouchers għan-neutering kif ukoll jinxtara ikel u jitqassam lilhom stess bħala għajnuna ta' dak li jagħmlu b'mod volontarju kuljum mal-qtates ta' barra. Dan ser ikun jista' jseħħ wara illi l-applikazzjonijiet li għamilna bħala kunsill intlaħqu u ġejna mgħoddijin fondi u vouchers għal dan il-għan.

13.4 ( 12.5.c1) Is-Sur Sindku nforma l-kunsill illi l-ħadid u l-ġebel li hemm imkisser fi Triq il-Kapuċċini ser ikun qed jiġi ttranġat mill-ħaddiema tal-garaxx tal-gvern fuq suġġeriment tas-Sinjura Speranza Chircop fis-seduta preċedenti.

13.5 A Is-Sur Viċi Sindku tkellem dwar is-suġġerimenti /ilmenti li ġejjin :

- Bżonn ta' 'belishia lights' fejn hemm iz-'zebra crossings' fit-tela' ta' Esplora ġewwa Triq Marina 'l għaliex kif qiegħedin qiegħedin ta' periklu kbir għal min ikun qed jaqsam minn fuqhom.
- Jeħtieġ tindif ta' ħadid u jitneħħew affarijiet tal-festa li huma tal-każin Banda Sagra Familja mill-Pjazza Sagra Familja
- Tiżdied 'notice board' oħra fl-akkwata ta' bejn l-għassa u l-każin tal-Malta.
- Hemm bżonn jingħalqu b'tappieri kif suppost it-toqob tal-arbli tal-festa 'l għaliex huma ta' periklu fuq il-bankina.
- Hemm bżonn ta' 'traffic calmer' quddiem Dar il-Wens fi Triq ix-Xatt.

**13.5**.b Is-Sinjura Speranza Chircop tkellmet dwar is-suġġerimenti /ilmenti li ġejjin

- Infurmat il-kunsill illi l-bank li kienet tgħat donazzjoni hi lir-residenti ġie misruq miż-żona ta' Santu Rokku fil-ġranet li għaddew.

- Suġġerimenti biex issir wirja ta' talenti lokali bħal xogħolijiet tal-idejn, pitturi u dak kollhu li għandu x'jaqsam mal-arti fi ħdan il-Kalkara.

**13.6 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Iskeda ta' pagamenti.**

**13.6.1** Is-Sindku kkonferma illi l-iskeda kienet intbgħatet via email aktar kmieni din il-ġimgħa biex kull kunsillier ikollu ċans jagħtiha titwila kif suppost qabel japprova l-istess pagamenti .

**13.6.2** Fuq proposta tas-Sa. Maria Sultana ssekondata mis-Sur Vincent Bongailas, il-Kunsill Lokali unanimament approva il-pagamenti inklużi fl-iskeda ta' ħlasijiet li tinstab annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti (DOK A). 12.20

**13.7 Mozzjonijiet**

13.7.1 Fuq mozzjoni tas-Sur Vince Bongailas il-kunsill qabel unanimament illi jingħata rigal lis-Sinjura Miriam Vella li kienet preżenti waqt Jum il-Kalkara b'risq il-community chest foundation. L-ammont ġie maqbul mill-kunsilliera kollha ta' €250.00 .

**13.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

13.8.1 Is-Seduta ntemmet fis-6:30 pm wara li ġiet eżawrita l-aġenda u ġiet aġġornata għat-13 ta' Jannar 2021 fl-4:00 pm.

Konfermati, illum ______________________________

______________________
**Wayne Aquilina**
Sindku

______________________
**Elaine Caruana**
Segretarju Eżekuttiv